# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar il-Hamis erbghatax (14) ta' Dicembru 2017**

**Rikors Numru 348/15 FDP**

**Karl Camilleri**
**(ID 382888M)**

**vs**

**Adabelle Curmi**
**(ID 327088M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 18 ta' Novembru 2015 fejn ir-rikorrent talab lill-Qorti s-segwenti:

1. *Illi l-attur u konvenuta kienu f'relazzjoni amoruza ghal diversi snin, u kien ilhom gharajjes mill-10 ta' Frar 2012. Illi fuq din il-promessa ta' zwieg, l-attur ta' lill-konvenuta curkett tad-djamanti ta' 1.1 karat. Dan ic-curkett ghandu valur sostanziali ta' circa EUR 10,000 u nxtara minghand Sterling Jewelers tal-Belt Valletta.*

2. *Illi lejn Dicembru 2013, l-gherusija bejn il-partijiet temmet fix-xejn wara li l-attur sar jaf li l-konvenuta kienet bdiet relazzjoni ma' ragel iehor. Illi peress li ma kienx baqa' tama li l-partijiet jergghu jkunu flimkien, l-attur talab lill- konvenuta sabiex tirritorna c-curkett.*

3. *Illi minkeija li giet interpellata diversi drabi sabiex tirritorna l-istess curkett tad-djamanti, fosthom permezz tal-ittra ufficiali numru 3019/2014 ipprezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-16 ta' Settembru 2014, il-konvenuta bagghet inadempienti.*

4. *Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ghaliex l-attur ma ghandux triq hlief ohra li jipprocedi gudizzjarjament sabiex jirkupra c-curkett tad-djamanti jew il-valur tal-istess curkett mill-konvenuta.*

*Ghaldaqstant tghid il-konvenuta prevja kwalsiasi dikjarazzjoni l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti ma ghandiex taqta' u tiddeciedi billi:*

1. *Tikkundanna lill-konvenuta tirrifondi lill-attur ic-curkett tad-djamanti moghti lilha bi promessa taz-zwieg, u dan minhabba t-thassir tal-gherusija ezistenti bejniethom, u dan fi zmien qasir u perentorju ffissat minn din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Tillikwida l-valur tal-istess curkett, okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;*

3. *Tikkundanna lill-konvenuta, fin-nuqqas li tirrifondi lill-attur c-curkett tad- djamanti fiz-zmien prefiss fl-ewwel talba, sabiex thallas lill-attur il-valur hekk likwidat skont it-tieni talba.*

*Illi l-attur qieghed hawnhekk jillimta t-talba tieghu kwantu ghall-valur tac-curkett ghall-ammont ta' €10,000*

Rat l-eccezzjonijiet ta' l-intimata Adabelle Curmi ppresentati fid-29 ta' Dicembru 2015 fejn laqghet ghal dak miltub mir-rikorrent billi qajjem is-segwenti eccezzjonijet:

*Illi fil-mertu, it-talbiet attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandhom jigu michuda bl-ispejjez peress illi c-curkett mertu ta' l-istess talbiet ma inghatax lill-esponenti mill-attur b'kontemplazzjoni taz-zwieg.*

*Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizziu ghas-suespost, anke jekk in passima ipotezi dina l-Onora Qorti ma taqbilx illi c-curkett mertu tat-talbiet attrici ma inghatax lill-esponenti mill-attur b'kontemplazzjoni taz-zwieg, it-talbiet attrici xorta wahda huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl ispejjez peress illi kien l-attur stess illi kiser ir-relazzjoni ta' bejn il-kontendenti ingustament u dana kif ser jirrizulta ampjament matul it-trattazzjoni tal-kawza;*

Semghet ix-xhieda ta' **Adabelle Curmi**, moghtija in subizzjoni fis 17 ta' Marzu 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Marvic Camilleri**, omm ir-rikorrent, moghtija fit 3 ta' Gunju 2016.

Semghet ix-xhieda ulterjuri ta' Adabelle Curmi, moghtija fit-3 ta' Gunju 2016 u rat id-dokumentazzjoni esebita, ossija certifikati tac-curkett meritu tal-kawza odjerna.

Semghet ix-xhieda ta' **Alfred Fenech**, propretarju tal-kumpannija Sterling Jewellery, moghtija fit 3 ta' Gunju 2016.

Rat l-affidavit tar-rikorrent **Karl Camilleri** ippresentat fl-10 ta' Ottubru 2016 u rat id-dokumenti minnu esebiti, ossija il-messaggi telefonici li skambjaw il-partijiet hekk kif intemmet ir-relazzjoni ta' bejniethom.

Semghet ix-xhieda ta **Simon Camilleri**, ziju tar-rikorrenti, moghtija fl-10 ta' Ottubru 2016.

Semghet ix-xhieda ta' Karl Camilleri ulterjuri moghtija fl-10 ta' Ottubru 2016.

Rat illi fl-10 ta’ Ottubru 2016 ir-rikorrenti ddikjara illi ma kellux aktar provi x’jippresenta.

Semghet ix-xhieda in kontro ezami ta’ Karl Camilleri illi saret fil 21 ta’ Novembru 2016.

Semghet ix-xhieda ta’ **Elizabeth Curmi**, omm l-intimata, moghtija fl-10 ta’ Lulju 2017.

Rat illi fl-10 ta’ Lulju 2017 l-istadju tal-gbir tal-provi inghalaq.

Rat is-sottomissjonijiet ta’ l-abbli difensur tar-rikorrent ippresentati fil 5 ta’ Ottubru 2017.

Rat is-sottomissjonjiet ta’ l-abbli difensur ta’ l-intimata ippresentati fl-24 ta’ Novembru 2017.

Rat illi fis 27 ta’ Novembru 2017 il-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

## Ikkunsidrat

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi meta ir-rikorrent Karl Camilleri u l-intimata Adabelle Curmi kellhom sbatax-il sena, fis-sena 2005, huma bdew relazzjoni flimkien, liema relazzjoni, salv periodu ta’ xahar fis-sena 2009 fejn kienu hassru, damet ghaddejja ghal aktar minn tmien snin, u spiccat f’Dicembru tas-sena 2013.

Jirrizulta illi, tul dina ir-relazzjoni, fis-sena 2007 ir-rikorrent kien xtara lill-intimata bhala turija ta’ l-imhabba tieghu lejha curkett zghir tad-djamanti.

Jirrizulta illi, fis-sena 2012, meta allura l-partijiet kellhom l-eta’ ta’ erbgha u ghoxrin sena, ir-rikorrent jghid illi hass li r-relazzjoni taghhom setghet twassal ghal zmieg u ghalhekk, fi Frar 2012, huwa rritorna c-curkett illi kien xtralha originalment filwaqt illi xtralha curkett bi djamant aktar, liema curkett huwa kien xtralha bhala “engagement ring”, ossija curkett b’kontemplazzjoni taz-zwieg.

Jirrizulta ukoll illi fl-10 ta’ Frar 2012, huwa jghid li formalment ippropona lill-intimata sabiex izzewgu filwaqt illi ghaddhiela c-curkett illi kien ghadu kemm xtara ftit jiem qabel.

Jirrizulta illi sussegwentement, ir-relazzjoni baqghet ghaddejja tajba u, skond ir-rikorrent, bdew jikkunsidraw fejn ser imorru jghixu, u ghalhekk, fit 8 ta’ Frar 2013, din id-darba flimkien ma’ l-intimata, huwa irritorna c-curkett illi kien xtralha fis-sena 2012 u xtralha curvett akbar, li fih kellu djamant ta’ 1.1 karat.

Jirrizulta illi qabel ma xtralha tali curkett, ftit taz-zmien qabel, kien xtralha curkett simili, izda tad-ditta Svarowski, sabiex l-intimata tkun tista tara jekk attwalment kienx joghgobha curkett aktbar.

Jirrizulta illi lejn l-ahhar tas-sena 2013, huwa gie a konoxxenza tal-fatt illi l-intimata setghet kien qed ikollha relazzjoni ma’ ragel iehor u, wara illi kellu l-konferma li attwalment l-intimata kellha relazzjoni ma’ persuna maskili ohra, f’Dicembru 2013 huwa temm ir-relazzjoni ta’ bejniethom.

Jirrizulta illi, ftit ftit gimghat wara, huwa talab lura c-curkett illi kien ta’ lill-intimata u, flok ma ghaddhietlu lura c-curkett tad-djamanti, hija rritornatlu c-curkett ta’ l-Svarowski filwaqt illi ippruvat terrggha lura mieghu, haga illi r-rikorrent irrifjuta wara illi l-intimata naqqset milli tikkonfermalu li kellha attwalment relazzjoni ma’ persuna ohra.

Jirrizulta illi fl-24 ta' Awissu 2013, anqas minn disa xhur wara illi ntemmet ir-relazzjoni, l-intimata kellha tarbija, liema tarbija, wara illi saru t-testijiet tad-DNA, irrizultaw illi ma kienx tar-rikorrent.

Jirrizulta illi r-rikorrent beda jitlob lill-intimata biex tirritornalu ic-curkett tad-djamanti izda hija ma rritornatux u ghalhekk saret il-kawza odjerna.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-intimata tikkontendi illi qatt ma kien hemm gherusija bejniethom u kull rigal illi huwa kien jaghtiha, hija kienet taghtih il-korrispettiv tieghu b'rigali wkoll.

Jirrizulta wkoll illi l-intimata tishaq illi ma huwiex minnu illi r-rikorrent qatt ipproponiela ghaz-zwieg u tishaq illi qatt ma kien hemm intenzjoni illi jizzewgu u ma kienx minnu li kienu qed ifittxu post fejn imorru jghixu.

Jirrizulta, finalment, illi l-intimata tikkontendi illi kien ir-rikorrent li telaq lill-intimata u mhux, kif jghid ir-rikorrent, ir-rikorrenti, u ghalhekk ir-rikorrenti kien il-kagun tat-terminazzjoni tar-relazzjoni taghhom u ghalhekk ma kellah troddlu lura xejn.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi l-ewwel kwistjoni illi ghandu jigi kkunsidrat mill-Qorti hija jekk kienx hemm gherusija bejn il-partijiet jew le, stante illi r-rikorrenti jinsisti illi kien hemm gherusija bejnu u bejn l-intimata filwaqt illi l-intimata tinsisti illi dana ma kienx minnu.

Jirrizulta illi ai termini tal-Artikolu 1233 (1) (g) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex weghda ghaz-zmien tigi regolata mill-Ligi dwar il-Weghdiet ta' Zwieg, ossija Kap 5 tal-Ligijiet ta' Malta, il-weghda tkun trid issir b'att pubbliku jew bi kitba privata – jirrizulta illi fil-kaz odjern, tali kitba ma saritx, u ghalhekk l-Kap 5 tal-Ligijiet ta' Malta ma tapplikax fil-kaz in ezami.

Jirrizulta, ghalhekk illi l-Qorti ikollha taghmel kunsiderazzjonijiet ulterjuri sabiex jigi stabbilit jekk kienx hemm gherusija jew le.

Fil-kawza "**Ghio vs Pace**", deciza mill-Qorti Civili, fil-11 ta' Novembru, 1895, kien intqal illi

> *"La promessa di future nozze, in vista degli importanti effetti che ne emanano, dev' essere conchiudentemente provata, e non puo' desumersi da espressioni indeterminate o da fatti equivoci che non manifestano una rizoluzione grave e ponderata".*

Madanakollu, kif qalet il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza '**Marthese Zammit vs Ivan Zammit**' deciza fis-6 ta' Mejju 2004,

> *"Dan ma jfissirx, pero' li l-prova tal-gherusija tehtieg xi dikjarazzjoni espressa f'dan is-sens, izda biss li jridu jikkonkorru cirkustanzi cari u inekwivoci li jindikaw il-hsieb tal-partijiet li jahsbu u jippreparaw ghaz-zwieg taghhom."*

Fil-kawza "**Bernarda Caruana et vs Giuseppe Borg**", deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Mejju, 1952, il-Qorti qalet li:

> "*Biex ikun hemm gherusija mhux mehtieg li kien hemm kuntratt formali tal-gherusija, lanqas li kien gie moghti c-curkett. Kif lanqas ma huwa mehtieg li jkun hemm*

> *stipulazzjoni taz-zmien ghac-celebrazzjoni taz-zwieg, jew il-kunsens tal-genituri. Li hu mehtieg hija l-kapacita' tal-partijiet li jikkuntrattaw l-gherusija, jigifieri l-istess kapacita' biex jikkuntrattaw z-zwieg".*

Din l-istess Qorti kompliet tghid hekk:

> "*Sa minn zmien id-Dritt Ruman il-forma ta' l-gherusija kienet libera, imma kien mehtieg il-kunsens reciproku "mentis et repormissis" ..... L-gherusija kienet tkun dejjem tezisti kif ghandha tkun konsidrata li tezisti illum, anki jekk ma kienetx tigi preceduta jew akkumpanjata bil-formalita' ta' li "stipulatio". U jekk ma kienx hemm bzonn ta' ebda formalita', lanqas kien hemm bzonn li jinghata xi curkett. In fatti dan ic-curkett li ghandu n-natura ta' kapparra, kien jinghata mill-gharusa lill-gharus, kif ghadu jinghata sallum, anki fi zmien id-Dritt Ruman, bhala simbolu tal-fedelta' biex tigi assikurata l-promessa taz-zwieg; imma dan kien jinghata biss fl-okkazzjonijiet meta l-gherusija issir bil- formalita' fuq imsemmija".*

Kif qalet ukoll din il-Qorti fil-kawza "**Baldacchino vs Savona**", deciza fis-7 ta' Novembru, 1989, l-intenzjoni tal- partijiet ghandha tigi ezaminata fl-imgieba u l-ghemil taghhom fil-konfront ta' xulxin.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, kif irrilevat l-abbli difensur tar-rikorrenti fis-sottomissjonijet finali taghha, illi l-azzjoni odjerna hija ibbazata fuq dak illi jipprovdi l-Artikolu 1809 tal-Kap 16, illi jghid is-segwenti:

> *(1) Kull donazzjoni magħmula mill-għarajjes b'kontemplazzjoni ta' żwieġ, jew bil-kitba taż-żwieġ, sew lil xulxin jew minn wieħed mill-għarajjes lill-ieħor, m'għandhiex effett jekk iż-żwieġ ma jsirx.*
>
> *(2) Iżda, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma jgħoddux, u d-donatarju jista' jżomm il-ħwejjeġ mogħtija lilu b'donazzjoni,jekk iż-żwieġ ma jsirx għaliex id-donatur, mingħajr raġuni tajba,ma jkunx irid jagħmel dan iż-żwieġ; bla ħsara tal-jedd tad-donatarju għad-danni taħt id-dispożizzjonijiet tal-Liġi dwar Wegħdiet ta' Żwieġ*

Jirrizulta, ghalhekk, illi l-bazi ta' dana l-artikolu hija illi d-donazzjoni kienet qieghda issir bejn gharajjes illi kienu qed jikkontemplaw iz-zwieg.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent jikkontendi illi meta huwa xtara lill-intimata c-curkett illi kellu djamant fih ta' 1.1 karat, li jirrizulta kien jiswa €6,875 (fol 48), dana kien inxtara bhala parti mill-weghda taz-zwieg illi kien ghamillha.

Jirrizulta, madanakollu, illi filwaqt li c-curkett illi tieghu huwa issa qieghed jitlob ir-ritorn kien inxtara fit-8 ta' Frar 2013, ir-rikorrent stess jghid illi huwa kien ipproponilha biex tizzewweg fl-10 ta' Frar 2012 u dakinhar huwa kien taha curkett izghar, liema curkett eventwalment gie rritornat minnu meta huwa akkwistlaha c-curkett akbar fit 8 ta' Frar 2013.

Jirrizulta illi r-rikorrenti jikkontendi illi lill-intimata huwa kien ipproponilha fl-10 ta' Frar 2012, gewwa l-kcina tad-dar tal-genituri tieghu hekk kif kienu ser imorru ghat-tieg tal-kugina tieghu u staqrr illi fit-tieg tal-kugina, huma kienu habbru illi kienu taghrrsu.

Jirrizulta wkoll illi r-rikorrenti jghid illi ommu kienet dahhlet fil-kcina dak il-hin illi huwa kien qieghed jipproponilha filwaqt illi z-ziju tar-rikorrent stqarr illi fit-tieg tal-kugina tar-rikorrenti illi kien sar dakinhar illi r-rikorrent jghid li pproponilha, il-partijiet kienu qalu lill kullhadd illi kienu tgharrsu u l-intimata ghadet turi c-curkett lill kullhadd.

Jirrizulta, madanakollu, illi kemm l-intimat kif ukoll omm l-intimata stess, it-tnejn jghidu illi ma kien minnu xejn illi l-partijiet kienu tgharrsu, u anzi omm l-intimata zzid tghid illi, ghalkemm il-partijiet kienu ilhom flimkien ghal aktar minn tmien snin, hija kienet dejjem tinsisti mat-tifla taghha, l-intimata, sabiex jiddeciedi jekk kienux ser jitgharrsu jew le ghax, skond hi, ir-relazzjoni taghhom ma kienet sejjra imkien.

**Ikkunsidrat**

Jirrizula, in vista ta’ tali xhieda konfliggenti, illi jkun opportun illi l-Qorti tezamina wkoll il-fatti illi graw wara tali allegat gherusija, sabiex ikun korroborat dak illi intqal miz-zewgt partijiet.

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi r-rikorrent, tul ir-relazzjoni taghhom xtara lill-intimata diversi crieket, u jirrizulta illi l-ewwel curkett illi originalment xtralha fis-sena 2007, huwa eventwalment partat sabiex jixtirlha wiehed akbar fis-sena 2012 u eventwalment reggha partat fis-sena 2013 sabiex jerggha jixtirlha wiehed akbar minn ta’ qabel, illi eventwalment kien jiswa €6,875.

Jirrizulta illi ghalkemm ir-rikorrent jikkontendi illi fl-10 ta’ Frar 2012 huwa kien ipproponielha ufficjalment biex jizzewgu, ma jirrizultax illi tali mument tant importanti f’hajjet koppja ma qatt gie mmortalizzat jew b’celebrazzjoni kif isir is-soltu fejn jigu mistiedna familjari u hbieb biex jiccelebraw dana il-mument tant sabih, jew wisq anqas permezz ta’ ritratti illi b’xi mod juri illi kien hemm xi celebrazzjoni da’ parte taz-zewgt partijiet ghal tali mument tant importanti f’hajjithom.

Jirrizulta ukoll illi, ghalkemm ir-rikorrenti jikkontendi illi kienu qed ifittxu dar fejn imorru jghixu flimkien, ma ngiebu ebda provi in sostenn ta’ tali tezi da’ parte tar-rikorrenti filwaqt illi l-intimata tinsisti illi qatt ma kienu qed ifittxu ghal post sabiex jghixu flimkien.

Il-Qorti, ma tistax ghalhekk ma tosservax illi, ghalkemm ir-rikorrenti jishaq illi l-ghotja tieghu lill-intimata tac-curkett kien bhala wieghda da’ parte tieghu illi huwa kien ser izewwigha, mill-fatti kif prodotti qiddiem dina l-Qorti, ma jidhirx ngiebu provi li juru illi saru kwalsiasi tip ta’ arrangament sabiex jibdew il-preparamenti sabiex isehh iz-zwieg u jirrizulta illi l-partijiet ma kienu qed jaghmlu ebda tip ta’ preparamenti ghaz-zwieg.

Dana qieghed jinghad ghax, minkejja illi r-rikorrent jikkontendi illi fl-10 ta’ Frar 2012 huwa kien ippropona lill-intimata sabiex izzewwgu, minn dakinhar sa meta huwa spicca r-relazzjoni tieghu minn maghha ghax kienet qalbithielu ma’ ragel iehor, huwa ma jidher li ghamel xejn biex isib fond fejn imorru jghixu, u l-unika haga illi huwa ghamel kien illi jixtrilha curkett akbar minn dak illi kellha, liema fatt certament, minnu nniffisu, filwaqt illi zgur ghandu jitqies bhala rigal sabih u indikazzjoni cara illi l-intimata kienet importanti ghar-rikorrent, ma jistax jitqies bhala xi azzjoni li turi li kien f’pusizzjoni li jizzewweg ma’ l-intimata, kif huwa jishaq illi kien qieghed jaghmel.

Illi dawna l-kunsiderazzjonijiet kollha jwasslu lill-Qorti biex tasal ghal konkluzjoni illi, ghalkemm verament kien hemm relazzjoni bejn il-partijiet, liema relazzjoni kienet ilha ghaddejja ghal aktar minn tmien snin, u ghalkemm huwa vera wkoll illi waqt li kienet f’relazzjoni mieghu, l-intimata qalbithielu u marret ma ragel iehor u ghalhekk ir-rikrorent kellu kull raguni illi jtemm relazzjoni ma’ persuna illi kienet abbuzat mill-fiducja illi r-rikorrent kellu fiha, mill-provi prodotti ma jidhirx illi hemm konkorrenza ta’ cirkostanzi li juru li dina r-relazzjoni kienet ser twassal ghal zwieg u

ghalhekk jidher car li c-crieket illi huwa kien xtara lill-intimata, kienu crieket mixtrija bhala rigali ghall-intimata u mhux bhala weghda ghaz-zwieg, kif jikkontendi r-rikorrenti.

Ghaldaqstant, il-bazi tat-talba tar-rikorrenti, kif msejjsa fl-Artikolu 1809 tal-Kap 16, ossija l-gherusija, ma gietx ippruvata u ghalhekk l-azzjoni intavolata ai termin tal-Artikolu 1809, kif indikat fis-sottomissjonijet tieghu, ma tirrizultax.

## Konkluzjoni

Il-Qorti,

Wara illi rat il-provi kollha prodotta quddiemha,

Wara illi rat is-sottomissjonijiet ta' l-abbli difensuri taz-zewgt partijiet

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tilqa** l-ewwel eccezzjoni ta' l-intimata filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni eccezzjoni, u ghalhekk,

**Tichad** it-talba attrici

Kull parti ghandha tbaghti l-ispejjez taghha.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Rita Sciberras**
Deputat Registratur